MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 51/2015

**S A nee' M f'isimha**

**u ghan-nom ta' bintha minuri X A**

**vs**

**X M illi permezz ta' digriet datat 29 ta' Mejju 2015 assumiet l-atti sabiex tirraprezenta lill-imsiefer K A**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici S Ali permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

“(1) Illi hija mizzewga lil K A, skont ic-certifikat li jgib in-numru 194/2002, liema zwieg kien celebrat fil-15 ta' Marzu, 2002. KA ilu li telaq minn Malta ghal aktar minn 6 snin. Miz-zwieg taghhom hemm il-minuri Xli twieldet fl-1 ta' Lulju. 2006

(2) Illi ma hemmx prospetti li K A jigi lura Malta, u dan minhabba li hu bezghan li jigi stante li persuna tal-istess nazzjonalita' tieghu implikah f'reat li hu jiddikjara li qatt ma wettaq. Dan il-fatti huma maghrufa sewwa lill-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara u lill-Ispettur Pierre Grech.

(3) Illi stante dawn ic-cirkostanzi l-esponenti tinsab dejjem izjed f'diffikultajiet dwar il-minuri, u fejn tkun mehtiega l-firma tar-ragel, li mhux facli li tingieb mil-Libja stante wkoll ic-cirkostanzi presenti.

(4) L-esponenti mhix qed tistenna xi manteniment minn K A ghall-minuri.

(5) Illi inoltre z-zwieg tkisser irremedjabilment, u l-partijiet ilhom aktar minn 4 snin separati de facto, bl-ebda tama li jkun hemm rikonciljazzjoni.

Kawzali:-

Peress li l-partijiet ilhom aktar minn 4 snin mifrudin de facto, u ghalhekk hemm lok ghall-hall taz-zwieg taghhom;

Peress li stante li l-konvenut telaq minn Malta u ma hemmx prospetti li jigi lura, u jehtieg li l-kura u kustodja tal-minuri tigi regolata, kif ukoll li l-omm fl-ahjar interess tal-minuri tkun awtorizzata tiffirma kull document li normalment jehtieg il-firma ukoll tal-missier, u dan fl-ahjar interess tal-minuri; inoltre ma hemmx prospetti li l-konvenut jghaddi xi manteniment ghall-minuri stante c-cirkostanzi kollha.

Talbiet

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tafda l-kura u kustodja unikament f'idejn l-omm, u cioe' S A, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u

(2) tawtorizza li kull fejn ikun mehtieg, il-firma tal-istess attrici tkun bizzejjed fejn il-minuri X tkun tehtieg il-firma taz-zewg genituri.

(3) tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti li kien sar fil-15 ta' Marzu, 2002

(4) tawtorizza li l-attrici tirritorna ghal kunjom xbubitha "Vassallo"

(5) tordna lir-Registratur taghha li fit-terminu ta' xahar jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.”

Rat ir-risposta guramentata ta’ X M kuratrici tal-assenti konvenut li taqra’ kif gej:-

(1) “Ghalkemm naf il-fatti li huma veri, jien noqghod ghall-provi li jingiebu. Jien m'ghandix mezz biex nircievi xi posta jew nibghat lil K A, li l-anqas nafu fejn joqghod sewwa.

(2) Jiena naf pero ' li S A ilha ma titla' l-Libja ghal aktar minn 4 snin.”

Rat l-atti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat li fl-udjenza tal-1 ta’ Lulju 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-**attrici S A**xhedet bil-mezz ta’ affidavit:-

*“F'Settembru 2008 meta r-ragel li zzewwigt – KA kien imsiefer, sehh kaz ta droga. Xhur wara sirt naf li hu kien allegatament involut fil-kaz. Hu baqa' jghix il-Libja minn dak iz-zmien.*

*Jien rabbejt lit-tifla taghna, X A, wahdi, minn Settembru 2008. Fl-ewwel sentejn konna nitilghu il-Libja darbtejn f'sena - skeda li ntemmet meta sehhet il-gwerra tan-NATO fil-pajjiz u r-riperkussjonijiet vjolenti ta wara.*

*L-ahhar li tlajna l-Libja kien f'Dicembru 2010. Ma kien hemm l-ebda intimita' f'dik iz-zjara. Tlajt 1-aktar minhabba t-tifla.*

*Ahna ghixna kompletament mifrudin minn dik id-data.*

*F'dan il-perjodu, huwa cempel kuljum - telefonata ta' hames minuti bejni u bejn it-tifla. Maz-zmien, it-tifla kienet iddum iktar tkellem lil missierha, hekk kif jien u missierha inqtajna emozzjonalment u konna nitkellmu b'mod sfurzat dwar it-temp ghal zewg minuti.*

*F' Awwissu 2014 semmejt id-divorzju u ergajt insistejt dwat divorzju f'Jannar 2015. Ma kien hemm 1-ebda oggezzjoni da parti tieghu.*

*Jien mhu qed nistenna l-ebda forma ta support jew manteniment minghand KWadi. Imma qed naghmel talba ghall-kura u kustodja tat-tifla. Din hija mportanti ghaliha, ghax jien zgur mhux se nibghatha l-Libja, KAmhux gej Malta ghax jispicca ghand il-pulizija, u jien s'issa m'ghandi 1-ebda awtorita' li wahdi niffirma ghat-tifla fejn ikun mehtieg.”*

**L-Ispettur Pierre Grech** xehed bil-mezz ta’ affidavit:-

*"Jien spettur anzjan fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta u f'dawn l-ahhar snin kont stazzjonat fit-Taqsima ta' Kontra d-Droga. Fost il-kazijiet li kont involut fihom hemm wiehed dwar importazzjoni ta' kwantita' ta' droga li sehh f'Settembru tas-sena 2008. Fost is-suspettati fdan il-kaz, kien hemm diversi persuni ta' nazzjonalita' u/jew ta' origini Libjana fosthom certu KMusbah Wadi, 10 card nr. 24540(A). Lil dan KAil-Pulizija ma sabitux u s-suspett kien li sa dak iz-zmien kien ghadu l-Libja, izda minghajr informazzjoni preciza fejn seta' jinstab fdak il-pajjiz. Qatt ma rrizulta lill-Pulizija ta' Malta li huwa kien gie lura Malta. Ghal- xi zmien wara li kien sehh il-kaz, l-Avukat Joseph Brincat ghan-nom ta' S-Paula Akien jipprova jara kif jaghmel biex ir-ragel tal-klijenta tieghu, u cioe' K Musbah Ajigi lura Malta. Izda sa fejn jirrizulta lill-Pulizija, 1-imsemmi KA fil-fatt qatt ma gie lura."*

Ikkonsidrat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet tenut kont li l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Jirrizulta mill-provi mhux kontradetti illi ir-ragel tal-attrici jinstab il-Libja u mhux mistenni li jigi lura lejn Malta tenut kont li f'Malta jinsab suspettat dwar kaz ta' importazzjoni ta' droga li sehh f'Settembru tas-sena 2008.

L-**artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu dwar il-konsegwenzi legali ta'abbandun fiz-zwieg.

**"41.** Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Is-separazzjoni *de facto* tal-partijiet fuq tul ta' snin tikwalifika bhala abbandun da parti tal-konvenut li wassal ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Mhux il-mertu tal-kawza odjerna sabiex jigi deciz jekk il-konvenut huwiex hati ta' reat kriminali. Jirrizulta sodisfacentement pero' illi l-konvenut ilu snin assenti minn Malta, il-partijiet ilhom aktar minn erba' snin jirrisjedu boghod minn xulxin u l-attrici ghalhekk hija intitolata titlob id-divorzju tenut kont illi ma jirrizultax li hemm prospett tajjeb li l-partijiet jirrikonciljaw.

Fir-rigward tal-minuri, l-assenza tal-missier holqot diffikultajiet lill-omm illi kull meta tkun mehtiega l-firma tal-missier tiltaqa' ma diffikulta' minhabba li ma jinstabx hawn Malta.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel talba, tordna li s-setgha ta' genitur fuq il-minuri XAu l-kura u kustodja tal-istess minuri tkun esklussivament f'idejn l-attrici S A nee' Vassallo.

2. Tilqa' t-tieni talba, tawtorizza li kull fejn ikun mehtieg il-firma tal-genituri fir-rigward tal-minuri K, tkun bizzejjed il-firma tal-omm.

3. Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser esklussivament tort tal-konvenut minhabba abbandun. Ghalhekk tordna l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet celebrat fil-15 ta' Marzu 2002 u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

4. Tilqa' r-raba' talba, tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubitha "Vassallo".

5. Tilqa' l-hames talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------